# Beati u Qaddisin ...Frar

**SAN ROMANO, abbati**

**28 ta' Frar**

Twieled fis-sena 390, u beda' l-esperjenza monastika tieghu




gewwa Ainay, qrib Lyon, imma billi ma sabx is-solitudni li xtaq, ha mieghu l-Bibbja u xi ghoddha tax-xoghol u erhila lejn eremitigg qalb l-gholjiet ta' Giura.

Xi snin wara nghaqad mieghu huh jismu Lupicino li kien mizzewweg izda romol. Flimkien waqqfu xi monasteri. Fi zmiem qasir patrijiet ohra nghaqdu maghhom biex jghixu hajja spiritwali boghod mill-hsejjes tad-dinja.

Kien iz-zmien opportun li jwaqqfu monasteru gewwa Condat li aktar tard kellu jiehu l-isem ta' Abazzija ta' Saint-Oyend.

Romano kien aktar docli u tolleranti minn huh u ma kienx jimponi regoli rigidi fuq il-patrijiet l-ohra. Lupicino, ghall-kuntrarju ma kienx jammetti eccezzjonijiet. Kien hemm sena li fiha l-gabra tal-qamh mill-ghelieqi kienet wahda abbundanti u ghadaqstant il-patrijiet ma osservawx is-sawm skont ir-regola. Lupicino tefa' il-qamh kollu fix-xmara. Imhawda ghal dan lagir tieghu, tnax il-patri telqu mill-monasteru . Romano gera' warajhom u talabhom biex jirritornaw lura . Din il-hila tieghu li jkun medjatur fil-hwejjeg difficli kienet mezz biex inissel f'ta' madwaru l-ispirtu ta' Kristu u l-evangelu.

Jinghad li flimkien ma' kumpann iehor ta' l-abazzija S. Pallade, jaghmel pellegrinagg fuq il-qabar ta' San Mawrizju gewwa Ginevra. Il-lejl ma kellux fejn jghaddih u ghalhekk talab kenn f'gharix li fih kienu joqaghodu zewg imgiddma. Dawn ma ridux biex iz-zewg patrijiet ma jitniggsux bil-marda. Imma hu ma bezghax mill-gdim u ried jorqod il-lejl taht is-saqaf taghhom. Filghodu iz-zewg imgiddma indunaw li kienu fiequ u xandru ma' kulhadd dan il-miraklu li sehh maghhom. In-nies tal-belt li kienu jafuh tajjeb marru jfittxu lir-Romano u ghamlulu festa kbira. Romano thawwad bl-attenzjoni li kienu qed ituh, izda hataf l-okazzjoni li jistedinhom biex jikkonvertu u jaghmlu penitenza. Wara rritorna mill-gdid lejn il-kunvent fejn kompla jghix hajja mill-aktar qaddisa.

Miet fis-sena 463.